# #CohesionAlliance

GĦAL POLITIKA TA' KOEŻJONI TAL-UE B'SAĦĦITHA

**Sejħa konġunta**

Politika ta' koeżjoni mġedda għal wara l-2027 li tiżgura li ħadd ma jitħalla jibqa' lura

**Mēs, vēlēti reģionu un pilsētu pārstāvji visā Eiropā, aicinām Eiropas iestādes un valstu valdības izstrādāt visaptverošu ES programmu, kuras centrā ir sociālās, ekonomiskās un teritoriālās kohēzijas stiprināšana.**

Aħna naqsmu objettivi komuni: l-iżgurar ta' prosperità u benesseri sostenibbli għal kulħadd f'soċjetà dejjem aktar diġitalizzata; il-kisba tan-newtralità klimatika u l-preżervazzjoni tal-bijodiversità; u l-indirizzar tal-konsegwenzi tat-tibdil demografiku. Aġenda trasformattiva bħal din teħtieġ tmexxija politika u viżjoni integrata f'kull livell u bejniethom. Il-Patt Ekoloġiku u l-aġenda diġitali flimkien għandhom jibqgħu l-boxxla tal-UE. Madankollu, it-tfassil u l-implimentazzjoni tagħhom jeħtieġu kunsiderazzjoni akbar taċ-ċirkostanzi lokali, peress li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jinsabu fuq quddiem nett ta' din il-ġlieda ta' kuljum, u huma responsabbli għal kważi nofs l-investiment pubbliku fl-Istati Membri tal-UE. Ir-rwol tagħhom huwa essenzjali biex it-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali jirnexxu.

**Il-politika ta' koeżjoni hija l-kolla li żżomm l-Ewropa magħquda** u għandha l-kapaċità li timmobilizza u tinvolvi lil kulħadd fit-triq lejn kwalità ta' ħajja aħjar għal kulħadd, u tiżgura li ħadd ma jitħalla jibqa' lura, kull fejn jgħixu u irrispettivament minn fejn jitwieldu. Aħna konvinti mill-valur miżjud indispensabbli tagħha, inkluża l-kapaċità tagħha li ttaffi r-riskji ta' żieda fid-distakk territorjali u soċjali bejn u fi ħdan l-Istati Membri tal-UE.

**Għalhekk nappellaw biex il-politika ta' koeżjoni tibqa' pilastru fundamentali tal-mudell ta' żvilupp tal-UE u l-politika ewlenija ta' investiment deċentralizzata fit-tul fi ħdan il-Qafas Finanzjarju Pluriennali tal-UE ta' wara l-2027.** Fl-istess ħin, il-politika ta' koeżjoni għandha żżomm aġilità suffiċjenti biex twieġeb għal żviluppi mhux previsti.

**Biex inwieġbu kif imiss għall-isfidi attwali u futuri, aħna nippromovu politika ta' koeżjoni mġedda għall-perjodu ta' wara l-2027, ibbażata fuq il-prinċipji li ġejjin:**

1) **Politika disponibbli għar-reġjuni, il-bliet u l-muniċipalitajiet kollha. It-"territorji" kollha huma importanti, kemm jekk jinsabu f'pajjiżi aktar sinjuri kif ukoll f'pajjiżi ifqar.** Dan jibqa' sine qua non biex jiġi żgurat suq uniku li jiffunzjona bla xkiel għall-Ewropej kollha. Huwa essenzjali li l-UE tibqa' magħquda, filwaqt li ssaħħaħ it-tmexxija globali u l-kompetittività tagħha. Il-politika ta' koeżjoni għandha tkun il-politika ewlenija tal-UE li tqiegħed fil-qalba tagħha l-provvista ta' servizzi pubbliċi lokali u reġjonali, li jkunu effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, u tappoġġja l-investiment pubbliku lokali għall-benefiċċju ta' kulħadd.

2) **Politika li tgħin biex il-koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali tiġi ankrata fi ħdan il-politika industrijali tal-patt ekoloġiku l-ġdid u l-awtonomija strateġika tal-UE.** Aktar minn qatt qabel l-UE trid tindirizza n-nases tal-iżvilupp li ħafna żoni waqgħu fihom, f'kull rokna tal-Ewropa. Politika ta' koeżjoni mġedda għandha titqies bħala strument b'saħħtu li għandu l-għan li jisfrutta l-potenzjal ekonomiku ta' kull parti tal-UE u li jippromovi l-innovazzjoni bbażata fuq il-post fl-aktar sens wiesa' tat-terminu.

QG-05-24-282-MT-N | ISBN: 978-92-895-3465-9 | DOI:10.2863/239354

Eiropas Savienības Publikāciju birojs

3) **Politika mmexxija mill-għan ġenerali ta' "tranżizzjoni ġusta": il-perkors trasformattiv lejn in-newtralità klimatika se jkollu impatt fuq kull żona, irrispettivament mill-karatteristiċi. Dan jista' jwassal għal aktar disparitajiet u konsegwenzi soċjali irregolari jekk ma jiġix ġestit kif suppost**. Kull żona għandha punti b'saħħithom differenti, gradi ta' potenzjal u kapaċitajiet amministrattivi differenti biex tlaħħaq ma' din it-trasformazzjoni. Uħud huma aktar vulnerabbli minn oħrajn. Irridu nagħtu attenzjoni speċjali lil dawk ir-reġjuni li jiddependu ħafna minn industriji intensivi fl-enerġija, u fl-istess ħin inżommu f'moħħna li l-industriji kollha għandhom impronta ambjentali. Nappellaw għal politika ta' koeżjoni mġedda għal wara l-2027 li tappoġġja soluzzjonijiet imfassla apposta, abbażi tal-prinċipji ta' "tranżizzjoni ġusta" u disponibbli għar-reġjuni kollha f'kull rokna tal-Ewropa.

4) **Politika li tibni fuq soluzzjonijiet ibbażati fuq il-post: id-diversità tat-territorji fl-UE hija ta' vantaġġ.** Minn żoni skarsament popolati sa dawk bi żvantaġġi severi, permanenti jew naturali, minn bliet u żoni metropolitani sa żoni rurali, minn reġjuni periferiċi, insulari, kostali, transfruntiera, muntanjużi u ultraperiferiċi sa dawk li jinsabu fiċ-ċentru, ilkoll qed jiffaċċjaw l-isfidi tat-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali u t-tibdil demografiku. Ma hemmx soluzzjoni waħda tajba għal kulħadd. Politika ta' koeżjoni mfassla tajjeb għandha tkun flessibbli biżżejjed biex tippermetti lil-livell lokali jiżviluppa strateġiji adattati għaż-żona partikolari tagħhom filwaqt li jissodisfa l-objettivi politiċi ġenerali tal-UE, fi ħdan qafas stabbli u prevedibbli. Strumenti territorjali bħall-iżvilupp lokali mmexxi mill-Komunità (CLLD) u l-Investiment Territorjali Integrat (ITI) huma għodod indispensabbli għall-iżvilupp ta' tali azzjoni inklużiva u bbażata fuq il-post.

5) **Politika li tibni fuq il-prinċipji tad-deheb tagħha: ġestjoni kondiviża; sħubija msaħħa mal-partijiet kollha tas-soċjetà; u governanza f'diversi livelli abbażi ta' djalogu ġenwin bejn l-awtoritajiet lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-UE.** Nappellaw għal passi biex tingħeleb il-frammentazzjoni attwali tal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni u biex jitfassal qafas komuni aktar b'saħħtu bbażat fuq sinerġiji u komplementarjetajiet ta' fondi taħt ġestjoni kondiviża.

6) **Politika bbażata fuq kultura ġdida ta' fiduċja bejn il-livelli differenti tal-gvern fl-UE.** Approċċ imġedded bħal dan jikkontribwixxi għal immaġni aktar pożittiva tal-UE. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tniedi konsultazzjoni wiesgħa u valutazzjoni tal-miżuri ta' semplifikazzjoni li ttieħdu mis-snin 90 'l hawn, inkluż tqabbil ma' programmi oħrajn tal-UE. Il-politika ta' koeżjoni għandha tiġi vvalutata f'termini tal-impatt reali tagħha fuq il-ħajja tal-Ewropej, aktar milli fuq il-pass li bih jiġu żborżati l-fondi.

7) **Politika li ssaħħaħ il-kooperazzjoni territorjali u tappoġġja l-innovazzjoni territorjali u d-demokrazija.** Il-politika ta' koeżjoni wriet il-valur eċċellenti tagħha fl-appoġġ tal-kooperazzjoni transfruntiera, interreġjonali u tranżnazzjonali u l-istrateġiji makroreġjonali biex twassal għal titjib konkret fil-ħajja ta' kuljum tan-nies. Is-sħubijiet għall-innovazzjoni reġjonali u l-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti jipprovdu opportunitajiet għat-trawwim ta' trasformazzjoni soċjoekonomika u inklużiva fil-livell lokali.

8) **"La tagħmilx ħsara lill-koeżjoni": il-politiki kollha tal-UE jridu jappoġġjaw it-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali.** L-istituzzjonijiet Ewropej għandhom jiżguraw li, mit-tfassil sal-introduzzjoni, il-programmi u l-politiki kollha jkunu konsistenti u jindirizzaw l-impatti territorjali differenzjati potenzjali, filwaqt li jnaqqsu kwalunkwe piż amministrattiv.

Nistiednu lill-pubbliku ġenerali, lit-trade unions, lin-negozji, u lill-organizzazzjonijiet mhux governattivi u tas-soċjetà ċivili biex jingħaqdu magħna fl-isforzi tagħna biex niżguraw Ewropa ġusta li tiżgura li ħadd ma jitħalla jibqa' lura.

Iffirma s-sejħa!!

AER Assembly of European Regions · AEBR – AGEG – ARFE · CALRE · CPMR CRPM · CCRE CEMR Local & Regional Europe · EURO CITIES · Kumitat Ewropew tar-Reġjuni